**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2001**

**Numru 6**

**Avviz numru 1085/01**

**Southern Holdings Ltd**

**vs**

**Pierre Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm520.00) rappresentanti merkanzija konsistenti f'kcina tat-tip Valeria li s-socjeta' attrici kienet bieghet u kkonsenjat lill-konvenut b'dana li l-istess konvenut naqas milli jhallas dan il-bilanc lis-socjeta' attrici ghalkemm debitament interpellat diversi drabi ghall-pagament dovut.

Il-konvenut gie kkundannat jghid il-ghaliex ma ghandux dan l-Onorabbli Tribunal jiddikjarah debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta'

hames mija u ghoxrin liri Maltian (Lm520.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kcina tat-tip Valeria mibjugha u konsenjata lilu mill-istess socjeta attrici, u tikkundannah ihallas tali somma flimkien ma' l-interessi skond il-ligi.

Bl-ispejjez tal-procedura, kif ukoll dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-26 ta' Gunju 2001, tas-6 ta' Lulju 2001, u tal-21 ta' Awissu 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil  Dr Veronica Aquilina tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm520.00) rappresentanti merkanzija konsistenti f'kcina tat-tip Valeria.  Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**